14 ta' Mejju, 1948.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Neg. Giuseppe Bianco *versus* Emmanuele Zahra

**Kontijiet — Rendiment u Impunjazzjoni — Art. 389 u 390 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Kull min huwa obligat jagħti kont għandu jipprežentah bid-dokumenti ġustifikativi, u dak il-kont għandu jkun fih tifsira ċara tal-ħwejjeġ li tagħhom għandu jingħata l-kont, il-partiti tad-dħul u tan-nefqa, il-bilanċ li jkun għad irid jidħol, u l-ħwejjeġ li għandhom jittieħdu lura; u għandu jispiċċa b'riassunt.*

*Meta l-kont fih l-elementi kollha li trid il-liġi, imma jkun nieqes mid-dokumenti għax dawn ma jeżistux, jew ikun fih xi partiti ommessi, il-kont għandu jitqies bħala eżibit għall-fini tal-liġi, u l-parti l-oħra ma jifdallhiex tagħmel ħaġ'oħra ħlief tapprovah jew timpunjah; u allura fil-kawża ta' l-impunjazzjoni, jekk issir, ikun dmir ta' min irrenda l-kont li jiġġustifika l-partiti li ma ppreżentax riċevuti tagħhom jew il-partiti ommessi.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà tar-Re, fejn l-attur, wara li qal illi hu kien ftiehem mal-konvenut li x-xogħol ta' bejgħ u xiri ta' silġ mill-post tiegħu numru 31, Old Theatre Street, Valletta, jagħmluh bi sħab, bil-patt illi l-konvenut jattendi personalment u jagħmel ix-xogħol kollu neċessarju, u l-qliegħ li jkun hemm jinqasam bejn it-tnejn fi kwoti ndaqs bejniethom; u illi l-konvenut għamel dana x-xogħol għall-perijodu bejn is-17 ta' Marzu 1946 u s-6 ta' Settembru 1946, meta l-attur ittermina l-fte-

him għaliex il-konvenut ma taħx rendiment tax-xogħol li sar u ma ħallasx sehmu tal-profitti, kif għadu ma għamelx sal-lum, non ostanti l-interpellazzjonijiet ta 'l-attur; talab li, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti meħtieġa, (1) il-konvenut jiġi minn din il-Qorti kundannat jirrendi lilu, fi żmien qasir u perentorju li dina tffissalu, kont ħdil u dettaljat, munit bil-ġustifikazzjonijiet kollha relativi, tal-ġestjoni tan-negozju fuq imsemmi għall-perijodu wkoll fuq indikat, u (2) fil-każ li dana ż-żmien jgħaddi għal xejn, l-attur jiġi awtorizzat minn dina l-Qorti li jippreżenta huwa stess kont li jikkonferma bil-ġurament ta' dak li huwa dovut lilu mill-konvenut għar-raġunijet fuq indikati; b'riżerva ta' kull dritt ieħor skond il-liġi u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-12 ta' Settembru 1946;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fis-17 ta' Ottubru 1947, li biha qatgħet il-kawża billi ddikjarat eżawrit il-meritu u kkundannat lill-konvenut ibati l-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi mill-provi rriżulta li, kif ingħad fit-taħrika, bejn il-partijiet kien hemm assoċjazzjoni ta' negozju u l-konvenut kien inkarikat mid-dħul u ħruġ ta' flus, tant għall-qliegħ kemm għall-ispejjeż. L-attur kien jirċievi flus bħala sehmu tal-profitti netti, iżda kontijiet veri u proprji ma rriżultax li saru. Għalhekk l-attur għandu dritt għar-rendikont. Ma' tul il-kawża, il-lum, il-konvenut ippreżenta l-kont mill-aħjar li seta' u l-konvenut ma fadallux jagħmel ħaġ'oħra ħlief japprova jew jimpunjah skond il-liġi. Dokumenti ġustifikativi l-konvenut ma jirriżultax li għandu, iżda huwa kkonferma l-kont bil-ġurament;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li, prevja, okkorrendo, id-dikjarazzjoni li l-kontijiet preżentati mill-konvenut quddiem l-Ewwel Qorti ma humiex skond il-liġi, is-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata fejn iddikjarat il-meritu tal-kawża eżawrit u tiġi konfermata fejn akkollat l-ispejjeż lill-konvenut, billi konsegwentement jiġi deċiż għall-akkoljiment tad-domandi attriċi, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi ma hemmx kuntrast bejn il-kontendenti li fiż-żmien imsemmi fiċ-ċitazzjoni huma kienu sħab fin-negozju tas-silġ. Il-konvenut kien jirtira s-silġ minn li "stores", u kien inkarikat mill-bejgħ tiegħu, kif ukoll mill-inkassi ta' flus u mill-ħruġ ta' l-ispejjeż. L-attur ġie li daħħal xi flus bħala *sehmu* tal-profitti, iżda, kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti, kontijiet veri u proprji bejniethom qatt ma saru, u għalhekk l-attur għandu dritt għar-rendikont;

Ikkunsidrat;

Illi ma' tul il-kawża, u dak in-nhar stess qabel ma ġiet mogħtija s-sentenza mill-Ewwel Qorti, il-konvenut ippreżenta l-prospett *eżibit* fil-fol. 25 tal-proċess, u *dik il-Qorti*, *minħabba* f'hekk, deħrilha li l-konvenut ippreżenta l-kont mill-aħjar li seta' u l-attur *ma* kienx fadallu jagħmel ħaġ'oħra ħlief japprovah jew jimpunjah skond il-liġi. Is-sentenza kompliet tgħid li ma rriżultax li l-konvenut kellu dokumenti ġustifikativi, iżda huwa kkonferma l-kont bil-ġurament; għalhekk iddikjarat il-meritu tal-kawża eżawrit u kkundannat lill-konvenu iħallas l-ispejjeż;

Ikkunsidrat;

Illi skond il-liġi (art. 389 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), kull min hu obbligat li jagħti kont għandu jippreżentah bid-dokumenti li jiġġustifikawh. L-artikolu ta' wara (390) jgħid li l-kont għandu jkun fih tifsira ċara tal-ħwejjeġ li tagħhom għandu jingħata l-kont, il-partiti tad-dħul, il-partiti tan-nefqa, u l-bilanċ li għad irid jidħol u l-*ħwejjeġ li għandhom* jittieħdu lura. Fl-aħħarnett il-kont għandu jagħlaq b'riassunt;

Ikkunsidrat;

Illi għalkemm il-prospett eżibit huwa sommarju ħafna, *iżda għandu* l-*elementi* kollha *li trid il-liġi; infatti hemm il*-partiti ta' l-introjtu u dawk ta' l-eżitu, kif ukoll l-ispejjeż li saru. Veru huwa illi l-ispejjeż mhumiex korredati minn dokumenti, iżda l-konvenut ikkonferma bil-*ġurament illi riċevuti* ma għandux; u għalhekk fil-kawża ta' l-impunjazzjoni tal-*kont il-konvenut ikun obligat* jipprova dawk *il*-partiti li ħallas

la darba huwa ma ġiebx riċevuti. L-istess jingħad jekk hemm xi partiti ommessi, kif aħmenu jippretendi l-appellant, għaliex f'dak il-każ tista' tifforma kap ta' l-impunjazzjoni jekk hemm partiti ommessi illi fil-likwidazzjoni l-attur jipprova li jeżistu verament. Taħt iċ-ċirkustanzi, la darba l-konvenut ma żammx kotba, kont aħjar minn dak eżibit ma setax jagħmel;

Għal dawn ir-raġunijiet u għal dawk ta' l-Ewwel Qorti;

Tirrespinġi l-appell ta' l-attur u għalhekk tikkonferma s-sentenza li minnha hemm appell; u in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ l-ispejjeż ta' dan l-appell ma jkunux taxxati bejn il-partijiet.